MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2004

Numru 950/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Mercieca)**

**vs**

**ALFREDO GAFA`**

**Illum 4 ta' Frar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Alfredo Gafa`, 50 sena, iben Piu u Rosina nee` Darmanin, imwieled Marsaxlokk fit-28.03.1952 u li joqghod Flat 3, Daffodil, Triq is-Sajjied, Bugibba, detentur ta' karta ta' l-identita` nru. 307552M gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer bhala proprjetarju u/jew amministratur tal-fond Flat 3, Daffodil fi Triq is-Sajjied, Bugibba, bejn it-18 ta' Jannar, 2000 u t-8 ta' Frar, 2001 b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, ikkommetta serq ta' kwantita` ta' elettriku fl-ammont ta' tmenin lira (Lm80), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u hin a detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali Dok. JM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-ratikoli 18, 261 (b) u (f), 263 (a), 264, 270 u 278 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alfredo Gafa`, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Alfred Gafa` l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------